**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 32 - L-ERBGĦA 29 TA' SETTEMBRU 2021**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-18:45.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Dr Christopher Deguara | Viċi Sindku (wasal fis-17:52) |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Assenti b'apoloġija: | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Charmaine Calleja | Uffiċjal Eżekuttiv |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* fuq il-paġna ta' *Facebook.*

## 1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

1.1 Is-SE informa li l-Kunsillier Ivan Gaffiero hu assenti b'apoloġija. Il-Kunsill qies in-nuqqas ta' attendenza ġustifikabbli.

## 2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti (seduta numru 31) li saret nhar l-Erbgħa 25 ta' Awwissu 2021.

2.2 Il-Minuti kienu ikkunsidrati moqrija u ġew approvati *nem con* wara proposta mill-Kunsillier Spiteri issekondata mill-Kunsillier Brincat.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku ppreżentat il-komunikazzjoni tagħha kif ġej:

3.2 Fil-15 ta' Settembru saret laqgħa mal-kuntrattur tad-tindif tal-latrina u l-bini tal-Kunsill. Peress li bħalissa l-latrina magħluqa ġie stabbilit li jitnaddaf kuljum it-taraġ ta' ħdejn il-latrina u anke l-bandli ukoll. Nhar it-Tnejn 27 ta' Settembru hi

kienet preżenti mal-kuntrattur fejn ġie u neħħa l-problemi fi drenaġġ tal-latrina. Is-Sindku tat struzzjonijiet li għandha titbajjad minnufih, titnaddaf u tinfetaħ għall-pubbliku.

3.3 Fis-17 ta' Settembru is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv attendew laqgħa għand Sharon Sapienza Foundation. Din hija fondazzjoni li tippromwovi u torganizza *workshops u lectures, kant, guitar playing, flamenco* eċċ. Dan qed isir minn omm Sharon bħala memoir għax xogħlijiet u danza li tant kienet popolari madward id-dinja. The Sharon Sapienza Foundation hija bħala volontarjat, NGO biex tippromwovi Arti Spanjola, partikolarment il-Flamenco, danza estilizada, escuela bolero u folklor. L-istudio tagħhom jinstab ġewwa Triq San Ġorġ.

3.4 Is-Sindku xtaqtet tiġbed l-attenzjoni li ix-xahar li għadda, l-Ministru tat-Turiżmu Clayton Bartolo ta fondi li jammontaw għal €400,000 lill-Knisja biex jiġi rrestawrat iz-zuntier tal-Knisja mingħajr ma kkonsulta mal-Kunsill. Hija ħasset li dan joħloq ħafna mistoqsijiet li jinteressaw lill-Kunsill pinċipalment dwar jekk ix-xogħol huwiex limitat biss għaz-zuntier jew madwar iz-zuntier fil-parti pubblika. Sostniet li importanti li l-Kunsill ikun ikkonsultat. Ingħataw fondi oħra għall-Arkivji tal-Knisja tagħna u dan hu tajjeb! Hija jiddispjaċiha li l-Kunsill kien talab għal għajnuna fi proġett ta' tisbiħ fil-bidu ta' Baħar iċ-Ċagħaq, proġett li kellu jkun ta' benefiċċju kemm għar-residenti kif ukoll għat-turist. Fil-fatt il-Kunsillier Brincat anke qasam magħhom ideat billi anke provdilhom pjanti (minn butu wkoll) però ma nstema' xejn li dan il-proġett se jsir. Saret talba wkoll li n-Naxxar jiġi lokal Turistiku peress li *boutique hotels* qegħdin jiżdiedu u għandna storja biex naqsmu mat-Turisti. Jekk dan isir in-Naxxar jibbenifika minn fondi sabiex inkunu nistgħu nkomplu nsebbħu l-lokal tagħna għat-Turist wkoll. S'issa ma nstema xejn jekk dan hux se jseħħ.

3.5 Intalab appuntament mas-Segretarju Parlamentari Dr Deo Debattista li huwa responsabbli mill-Cleansing Department sabiex niddiskutu miegħu fuq it-tindif ta' Vjal il-Labour u Trade Fair Grounds.

3.6 Is-Sindku xtaqet tgħaddi informazzjoni fuq l-Istatwa tal-Madonna li hemm fil-Pjazza u li qegħda mdawwra bl-iscaffolding. Din qed issir mill-Knisja u mhux mill-Kunsill, avolja l-Kunsill kellu l-fondi Ewropej biex dawn l-istatwi jirrestawrahom. Ġie mfakkar li ntilfu €15,000 fondi.

3.7 Xi ġimgħat ilu ġie l-Ministru tal-Infrastruttura Ian Borg sabiex iniedi l-proġett tax-xogħlijiet ta' asfaltar ġewwa s-Sgħajtar. Il-Perit tal-Proġett kienet preżenti u s-Sindku lmentat li ltaqgħu wara li tlesta l-progett kollu meta dan m'għandux jkun peress li jrid jkun hemm konsultazzjoni mal-Kunsill u l-Kunsill jrid ikun infurmat bid-dettalji tax-xogħlijiet li se jagħmlu fil-proġett. Dan intqal quddiem il-Ministru Borg li sostna li suppost l-affarijiet hekk għandhom ikunu.

3.8 Dakinhar is-Sindku ċemplet lil Infrastructure Malta sabiex jgħidulha x'toroq se jibdew fil-Lokal tagħna. Triq Leli Falzon m'hemmx indikazzjoni meta ser jibdew. Wegħdu li ser issir Triq Francis Attard u Triq il-Parroċċa. Il-Ministru Borg kien għamel konferenza stampa xi żmien ilu u qal li se ssir Vjal 21 ta' Settembru inkluż it-triq u l-bankina. Nafu li qiegħda fi stat ħazin ħafna però qed nistennew bil-ħniena biex din it-triq issir ukoll. Is-Sindku għandha l-informazzjoni wkoll li IM se tagħmel barrier tal-injam fi Triq John Ayde. Din se jsir f'nofs Ottubru. Qaltlu wkoll li fi Triq il-Forġa għamlu l-ħamrija però ma nżerawx is-sigar allura għadha mhix kompluta u għandu jerġa jsir kuntatt magħha.

3.9 Is-Sindku talbet ukoll appuntament mal-Ministru tal-Ambjent Aaron Farrugia sabiex niddiskutu miegħu fuq temi dwar l-Ambjent kif ukoll fuq it-tindif tal-Magħtab. Qed tinforma wkoll li l-Environment Impact Assessment fuq l-

inċineratur li se jsir fil-Magħtab ġie kkonfermat mill-ERA u għalhekk se jitkompla l-proċess fil-Planning Authority biex dan jigi deċiż.

3.10 Is-Sindku infurmat li l-kuntratt dwar il-finanzjament tal-Outdoor Gym mal-Planning Authority huwa ffinalizzat. Il-PA infurmaw li se jibgħatu tliet kopji tal-kuntratt għall-firma u wara l-Kunsill jgħaddi d-dokumenti lilhom sabiex jiġu ffirmati minn naħa tagħhom. Se jintbagħat ukoll parti mill-ħlas bil-quddiem. Qabel ma jsir l-iffirmar minn naħa tagħhom il-Kunsill ma jistax jibda bix-xogħlijiet. Is-Sindku spjegat li l-Kunsill għamel kull tentattiv sabiex jiqsar il-proċess biex jibda x-xogħol.

3.11 Il-Kunsill bagħat lill-Avukat tagħna sabiex nibdew il-kawża kontra l-Gvern, għaliex ġiet irrifjutata l-Bye-law li ppreżenta.

3.12 Irċevejna korrispondenza mir-Regjun Tramuntana biex jibnu skateboard park, outdoor gym u multi-purpose sports court li jkun jista' jintuża għall-futbol u basketball fuq skala żgħira 3v3, 5v5, mat-Torri tal-Ghallis, fit-triq l-antika li tagħti għall-Coast Road. Dan ikun Park miftuħ għal kulħadd. Hija preżentat id-dokument.

3.13 Ir-Reġjun Tramuntana vara l-ktieb "Colours of the North" b'ritratti ta' kull lokal fit-Tramuntana. Dan huwa ktieb interessanti ħafna fejn kull lokal juri is-sbuħija awtentika tiegħu. Dan ser jinbiegħ 'l quddiem mill-Kunsill tagħna u l-profitt ser imur għal Community Chest Fund,

3.14 Is-Sindku kellha laqgħa tal-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali fejn iridu jkunu jafu min hu interessat li jieħu kors f'Diploma in Public Management u M.Sc. in Governance and Management. Dawn il-korsijiet huma miftuħa għall-Kunsillieri u anke għall-Amministrazzjoni. Min hu intressat għandha d-dokument tal-Akkademja.

3.15 Ġnien Santa Marija tal-Angli – ix-xogħlijiet mill-Public Works qed jimxu b'ritmu mgħaġġel, inbidlet l-art tal-lakstu iżda diġa sar att vandalu. Fil-fatt irċeviet imejl fejn qal "qed nibgħatilkom żewġ ritratti tal-att vandalu." Hi taħseb li dan trid tittieħed azzjoni dwaru. Hemmhekk ħarġu iżjed minn **€10,000 biex jinbidel is-*safety matting***." Ix-xogħlijiet qed jitkomplu.

3.16 Fil-laqgħa li jmiss tixtieq li titniżżel fl-Agenda – Jum in- Naxxar. Flimkien mal-Kunsillier Gaffiero diġà bdew id-diskussjonijiet dwar din l-Attività. Is-Sindku infurmat ukoll li jekk l-attività tiġi organizzata fil-jum propju se jaħbat is-Sibt u għalhekk ikun hemm diffikultajiet biex jinstabu mużiċisti/artisti. Għaldaqstant hi proponiet li l-attività tibda ssir il-Ħamis ta' qabel Jum in-Naxxar. Jingħataw aktar dettalji fil-Kunsill li jmiss. Is-SE se jibgħat il-kriterji ta' Ġieħ in-Naxxar tal-passat lill-Kunsillieri.

3.17 Il-Kumitat tal-Festa bagħat imejl lill-Kunsill u ntbagħatet lil Kunsillera biex jikkumentaw. Għalhekk f'dan l-istadju, s-Sindku tixtieq li niktbu lura lill-kumitat fejn ngħidulhom li ħadna nota tas-suggerimenti tagħhom però l-Kunsill ma jħossux li għandu jikkumenta f'dan l-istadju peress li f'Marzu li ġej tixtieq li jibdew diskussjoni madwar il-mejda flimkien mal-Kumitat tal-Festa u l-Każini rispettivi. Hija rrimarkat fuq it-tonalità tal-Kumitat tal-Festa li permezz tagħha qed juri nuqqas kbir ta' rispett lejn l-għola l-Awtorità tal-Lokal, bl-ebda mod m'għandu ħadd jimponi fuq il-Kunsill meta t-talbiet m'humiex dritt u speċjalment meta tiġi minn entità bħalma hija l-kumitat tal-festa. Ħafna mit-talbiet diġà twettqu meta ssir il-Festa. Is-Sindku tfakkar ukoll li dan l-aħħar sentejn konna nafu li l-Festa mhux se ssir minħabba l-pandemija u għalhekk kien inutli jittieħdu ċerti deċiżjonijiet meta l-Festa nafu b'dikjarazzjoni minn kmieni li mhux se ssir. Però nħarsu 'l quddiem u l-punti kollha jiġu diskussi flimkien meta nkunu ċerti li l-festa se ssir. Hi rċeviet kummenti mingħand Kunsillier fejn xtaqet taqra *verbatim*...."l-

organizzatur irid ikun kapaċi li jġib lil partijiet kollha flimkien, b'sens ta' koperazzjoni kollettiva, mingħajr ħafna impożizzjoni, jekk iridu li l-festa tkun suċċess."

3.18 Il-Kunsill qabel li biex ikun hemm koordinazzjoni akbar bejn il-Kunsill u l-kumitat tal-festa, l-Kunsillieri Spiteri u Gatt ikunu l-kelliema għal Kunsill.

3.19 WIFI - Kif infurmakom is-SE, għaddej proġett iffinanzjat mill-EU mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq sistema ta' WIFI. Il-Kunsill mhux ser joħrog l-ebda flus għalih. Jeħtieġ li l-Kunsill jistabbilixxi 10 postijiet jekk ser jiġu installati fuq barra u jiżdiedu jekk kemm-il darba xi ħaga minnhom tiġi installata ġewwa. Infatti is-Segretarju Eżekuttiv bagħat suġġerimenti ta' postijiet. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li jekk ikun aċċettabbli għall-għaqdiet lokali joffri l-possibilità ta' wifi f'dawn l-ghaqdiet fil-postijiet fejn jibbenefikaw il-membri.

3.20 Il-ġbir tal-ħġieġ: Is-Sindku semmiet li problema fil-ġbir tal-ħġieġ meta jinġabar fl-ewwel ġimgħa tax-xahar. Għalhekk saru diskussjonijiet mal-kuntrattur biex tinbidel il-ġurnata mill-Ġimgħa għall-ewwel Erbgħa tax-xahar. Il-problema ġejja mill-fatt li nhar ta' Ġimgħa diġà jkun hemm żewġ kollezzjonijiet- riċiklabbli u organiku - filwaqt li nhar t-Erbgħa jkun biss l-iskart organiku u għalhekk jinġabar aktar kmieni. Nistennew li se jkun hemm problemi tal-bidu sakemm tindara l-ġurnata però nitlob lill-Amministrazzjoni tibda kampanja kemm jista' jkun malajr u appellat lill-Kunsillieri biex iwasslu l-messaġġ lir-residenti. Fakkret li għall-ħġieġ meħtieġ kontenitur tal-plastik li jerga jintuża.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1 Is-SE informa li ma kienx hemm mistoqsijiet.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.2 Lista ta' pagamenti (immarkata Seduta tal-Laqgħa nr 8/32) anness f'appendiċi A.

5.3 Lista ta' dħul għax-xahar ta' Ġunju anness f'appendiċi B.

5.4 Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' Ġunju anness f'appendiċi Ċ.

5.5 Lista Ta' infiq mill-petty cash għax-xahar ta' Ġunju anness f'appendiċi D.

5.6 Il-Kunsill approva dawn ir-rapporti (*nem con*) wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Abela.

## 6. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT TAL-FINANZI

6.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret l-Erbgħa 18 ta' Awwissu (anness f'appendiċi E).

6.2 Il-Kunsill approva dawn ir-rapporti (*nem con*) wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Deguara.

## 7. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI

7.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tas-Sottokumitat tat-Talbiet u Lmenti li saret l-Erbgħa 18 ta' Awwissu (anness f'appendiċi F).

7.2 Il-Kunsill approva dawn ir-rapporti (*nem con*) wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Deguara.

## 8. POSITION PAPER DWAR APPLIKAZZJONIJIET GĦAL IMWEJJED U SIĠĠIJIET FIN-NAXXAR

8.1 Dwar punt numru 8: is-SE ippreżenta d-dokument oriġinali li sar fl-2018, iżda dan irid jiġi aġġornat. Il-Viċi Sindku staqsa jekk il-permess tal-imwejjed u s-siġġijiet joħroġx mill-Kunsill u r-risposta kienet fin-negattiv. Is-SE qal li dawn huma il-pożizzjoni tal-Kunsill.

8.2 Wara li l-Kunsill evalwa dan id-dokument qabel li jgħaddih għand il-konsulenti b'dawn il-proposti li ġejjin wara li proposti waslu biss mill-Kunsillier Spiteri u s-SE:-

(1) F'każ ta' platforms jiġu aċċettati biss fejn hemm diżlivell.

(2) Fiċ-Ċentru tan-Naxxar għandu jitħalla passaġġ għall-pedonali ta' mhux anqas minn żewġ metri.

(3) Kemm-il darba jsiru strutturi li jagħlqu ż-żona dawn isiru b'mod li jistgħu jiżżarmaw faċilment.

(4) L-imwejjed u siġġijiet għandhom isiru man-naħa tal-propjetà tal-applikant.

(5) Il-massimu aċċettabbli m'għandux ikun akbar mill-estent (wisgħa) tal-istabbiliment innifsu u li jinkludi kemm il-faċċata u kemm, jekk ikun il-każ, ġenb.

(6) Ma jkunx aċċettabbli imwejjed u siġġijiet fuq wara tal-istabbiliment (jekk dan imiss ma' art pubblika.

(7) Ikun aċċettabbli biss jekk l-istabbilment ikun reġistrat bħala ristorant, bar jew snack bar u li fuq ġewwa jkun kapaċi jservi mhux inqas minn tmien (8) persuni fuq imwejjed.

(8) Ma jista' jitħalla xejn fuq it-triq/bankina jekk mhux bil-permess mill-Kunsill. Din diġà tinsab fil-liġi iżda tajjeb li tkun spelluta ċara ħalli ħadd ma jkollu dubju. M'għandu joħroġ l-ebda permess mill-Kunsill jekk mhux fuq iż-żona allokata għall-applikant.

8.3 Fit-19:39 il-Kunsillier Joseph Spiteri talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa.

## 9. KOTBA VIVA L-VITORJA BIEX MA JIBQGĦUX INKUŻI FUQ L-ISTOKK TAL-KUNSILL

9.1 SE ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill li għad hemm numru kbir ta' kotba u għal fini ta' accounts qed jingħataw valur fi flus meta fir-realtà nafu fiċ-ċert li dawn mhux se jissarrfu fi flus. Sabiex tkun indirizzata din il-problema, kien hemm qbil li dawn ma jibqgħux aktar jagħmlu parti mill-istokk tal-Kunsill billi l-valur tagħhom jiġi zero.

## 10. ĦATRA TA' SOSTITUTI GĦALL-KUMITAT TAL-FINANZI U S-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI

10.1 Fuq proposta tas-Sindku kien hemm qbil li għal kumitat tal-finanzi s-sostituti huma l-Kunsillier Spiteri jissostitwixxi lil-Viċi Sindku u l-Kunsillier Gatt jissostitwixxi lil Kunsillier Brincat dejjem meta jkun hemm il-ħtieġa. Għas-

sottokumitat tat-talbiet u lmenti, l-Kunsillier Gatt jissostitwixxi lil Kunsillier Brincat dejjem meta jkun hemm il-ħtieġa.

**11. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

11.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar is-27 ta' Ottubru 2021 fis-17:45.

11.2 Il-laqgħa ntemmet fit-19:53.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |